



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

*Kumitat għall-Affarijiet Legali*

**2013/0089(COD)**

30.10.2013

## **EMENDI 41 - 106**

**Abbozz ta' rapport  
Cecilia Wikström  
(PE516.713v01-00)**

dwar proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill biex jiġu approssimati l-liġijiet tal-Istati Membri dwar it-trade marks (riformulazzjoni)(Riformulazzjoni – l-Artikolu 87 tar-Regoli ta' Proċedura)

Proposta għal direttiva  
(COM(2013)0162 – C7-0088/2013 – 2013/0089(COD))



**Emenda 41**  
**Sajjad Karim**

**Proposta għal direttiva**  
**Premessa 13**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(13) Għal dan l-iskop, huwa meħtieġ li jkunu elenkati eżempji ta' sinjali li jistgħu jikkostitwixxu trade mark, sakemm dawn is-sinjali jkunu kapaċi jiddistingwu l-merkanzija jew is-servizzi ta' impriża waħda minn dawk ta' impriżi oħra. Sabiex jiġu ssodisfati l-oġettivi tas-sistema ta' reġistrazzjoni għat-trade marks, li għandhom jiżguraw ċertezza legali u amministrazzjoni soda, huwa essenzjali wkoll li jkun meħtieġ li s-sinjal jkun kapaċi jiġi rappreżentat b'tali mod li ***jippermetti determinazzjoni preċiża tas-suġġett ta' protezzjoni***. Għaldaqstant għandu jkun permess sinjal biex ikun rappreżentat fi kwalunkwe forma, u għaldaqstant mhux bilfors permezz ta' mezzi grafiċi, sakemm ir-rappreżentazzjoni toffri garanziji sodisfaċenti għal dan il-għan.

*Emenda*

(13) Għal dan l-iskop, huwa meħtieġ li jkunu elenkati eżempji ta' sinjali li jistgħu jikkostitwixxu trade mark, sakemm dawn is-sinjali jkunu kapaċi jiddistingwu l-merkanzija jew is-servizzi ta' impriża waħda minn dawk ta' impriżi oħra. Sabiex jiġu ssodisfati l-oġettivi tas-sistema ta' reġistrazzjoni għat-trade marks, li għandhom jiżguraw ċertezza legali u amministrazzjoni soda, huwa essenzjali wkoll li jkun meħtieġ li s-sinjal jkun kapaċi jiġi rappreżentat b'tali mod li ***jkun ċar, preċiż, komplut minnu nnifsu, faċilment aċċessibbli, sostenibbli u oġġettiv***. Għaldaqstant għandu jkun permess sinjal biex ikun rappreżentat fi kwalunkwe forma, u għaldaqstant mhux bilfors permezz ta' mezzi grafiċi, sakemm ir-rappreżentazzjoni toffri garanziji sodisfaċenti għal dan il-għan.

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*L-intenzjoni tal-bidla hija li tiġi riflessa l-każistika tal-Qorti, wara s-sentenza Sieckmann.*

**Emenda 42**  
**Marielle Gallo**

**Proposta għal direttiva**  
**Premessa 13**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(13) Għal dan l-iskop, huwa meħtieġ li jkunu elenkati eżempji ta' sinjali li jistgħu

*Emenda*

(13) Għal dan l-iskop, huwa meħtieġ li jkunu elenkati eżempji ta' sinjali li jistgħu

jikkostitwixxu trade mark, sakemm dawn is-sinjali jkunu kapaċi jiddistingwu l-merkanzija jew is-servizzi ta' impriża waħda minn dawk ta' impriżi oħra. Sabiex jiġu ssodisfati l-oġettivi tas-sistema ta' reġistrazzjoni għat-trade marks, li għandhom jiżguraw ċertezza legali u amministrazzjoni soda, huwa essenzjali wkoll li jkun meħtieġ li s-sinjal jkun kapaċi jiġi rappreżentat b'tali mod li jippermetti determinazzjoni preċiża tas-suġġett ta' protezzjoni. Għaldaqstant għandu jkun permess sinjal biex ikun rappreżentat fi kwalunkwe forma, u għaldaqstant mhux bilfors permezz ta' mezzi grafiċi, sakemm ir-rappreżentazzjoni toffri garanziji sodisfaċenti għal dan il-għan.

jikkostitwixxu trade mark, sakemm dawn is-sinjali jkunu kapaċi jiddistingwu l-merkanzija jew is-servizzi ta' impriża waħda minn dawk ta' impriżi oħra. Sabiex jiġu ssodisfati l-oġettivi tas-sistema ta' reġistrazzjoni għat-trade marks, li għandhom jiżguraw ċertezza legali u amministrazzjoni soda, huwa essenzjali wkoll li jkun meħtieġ li s-sinjal jkun kapaċi jiġi rappreżentat b'tali mod li jippermetti determinazzjoni preċiża tas-suġġett ta' protezzjoni. Għaldaqstant għandu jkun permess sinjal biex ikun rappreżentat fi kwalunkwe forma, u għaldaqstant mhux bilfors permezz ta' mezzi grafiċi, sakemm ir-rappreżentazzjoni **tuża teknoloġija li tkun liberament disponibbli u li** toffri garanziji sodisfaċenti għal dan il-għan.

Or. en

**Emenda 43**  
**Marielle Gallo**

**Proposta għal direttiva**  
**Premessa 19**

*Test propost mill-Kummissjoni*

***(19) Sabiex tkun żgurata ċ-ċertezza u ċ-ċarezza legali, huwa meħtieġ li jiġi ċċarat li mhux fil-każ ta' similarità biss iżda wkoll f'każ ta' sinjal identiku li jintuża għal merkanzija jew servizzi identiċi, il-protezzjoni għandha tingħata lit-trade mark biss jekk u sal-limitu li l-funzjoni ewlenija tat-trade mark, li hija li tagħti l-oriġini kummerċjali tal-merkanzija u s-servizzi, hija affettwata b'mod negattiv.***

*Emenda*

***imħassar***

Or. en

**Emenda 44**  
**Christian Engström**

**Proposta għal direttiva**  
**Premessa 19**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(19) Sabiex tkun żgurata ċ-ċertezza u ċ-ċarezza legali, huwa meħtieġ li jiġi ċċarat li mhux fil-każ ta' similarità biss iżda wkoll f'każ ta' sinjal identiku li jintuża għal merkanzija jew servizzi identiċi, il-protezzjoni għandha tingħata lit-trade mark biss jekk u sal-limitu li l-funzjoni ewlenija tat-trade mark, li hija li tagħti l-orijini kummerċjali tal-merkanzija u s-servizzi, hija affettwata b' mod negattiv.

*Emenda*

(19) Sabiex tkun żgurata ċ-ċertezza u ċ-ċarezza legali, huwa meħtieġ li jiġi ċċarat li mhux fil-każ ta' similarità biss iżda wkoll f'każ ta' sinjal identiku li jintuża għal merkanzija jew servizzi identiċi, il-protezzjoni għandha tingħata lit-trade mark biss jekk u sal-limitu li l-funzjoni ewlenija tat-trade mark, li hija li tagħti l-orijini kummerċjali tal-merkanzija u s-servizzi, hija affettwata b' mod negattiv. ***Meta jkun qed jiġi ddeterminat jekk il-funzjoni ta' trade mark hijiex qiegħda tiġi affettwata b' mod negattiv jew le, huwa neċessarju li din id-dispożizzjoni tiġi interpretata fid-dawl tal-Artikolu 11 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea u l-Artikolu 10 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem sabiex jiġi ggarantit id-dritt fundamentali tal-libertà tal-espressjoni.***

Or. en

**Emenda 45**  
**Pier Antonio Panzeri, Bernhard Rapkay**

**Proposta għal direttiva**  
**Premessa 19**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(19) Sabiex tkun żgurata ċ-ċertezza u ċ-ċarezza legali, huwa meħtieġ li jiġi ċċarat li mhux fil-każ ta' similarità biss iżda wkoll f'każ ta' sinjal identiku li jintuża għal merkanzija jew servizzi identiċi, il-protezzjoni għandha tingħata lit-trade mark biss jekk u sal-limitu li l-funzjoni ewlenija tat-trade mark, ***li hija li tagħti l-orijini***

*Emenda*

(19) Sabiex tkun żgurata ċ-ċertezza u ċ-ċarezza legali, huwa meħtieġ li jiġi ċċarat li mhux fil-każ ta' similarità biss iżda wkoll f'każ ta' sinjal identiku li jintuża għal merkanzija jew servizzi identiċi, il-protezzjoni għandha tingħata lit-trade mark biss jekk u sal-limitu li l-funzjoni ewlenija tat-trade mark hija affettwata b' mod

**kummerċjali tal-merkanzija u s-servizzi,**  
hija affettwata b'mod negattiv.

negattiv.

Or. en

**Emenda 46**  
**Pier Antonio Panzeri, Bernhard Rapkay**

**Proposta għal direttiva**  
**Premessa 19a (ġdida)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**(19a) Il-funzjoni ewlenija ta' trade mark**  
**hija li tiggarantixxi l-oriġini tal-prodott**  
**lill-konsumatur jew lill-utent finali billi**  
**tippermettilhom jiddistingwu mingħajr l-**  
**ebda possibbiltà ta' konfużjoni bejn dak**  
**il-prodott u prodotti li jkollhom oriġini**  
**oħra;**

Or. en

**Emenda 47**  
**Pier Antonio Panzeri**

**Proposta għal direttiva**  
**Premessa 19b (ġdida)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**(19b) Waqt id-determinazzjoni dwar jekk**  
**il-funzjoni ewlenija ta' trade mark hijiex**  
**affettwata b'mod negattiv, huwa**  
**neċessarju tiġi interpretata din id-**  
**dispożizzjoni fid-dawl tal-Artikolu 11 tal-**  
**Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-**  
**Unjoni Ewropea u l-Artikolu 10 tal-**  
**Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet**  
**tal-Bniedem biex tiggarantixxi d-dritt**  
**fundamentali tal-libertà tal-espressjoni.**

Or. en

**Emenda 48**  
**Christian Engström**  
f' isem il-Grupp Verts/EFA

**Proposta għal direttiva**  
**Premessa 22**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(22) Bil-għan li tissaħħaħ il-protezzjoni tat-trade marks u l-ġlieda kontra l-falsifikazzjoni b'mod aktar effettiv, il-proprjetarju ta' trade mark reġistrata għandu **jkun** intitolat li jipprevjeni **partijiet** terzi milli jġibu merkanzija fit-territorju doganali **tal-Istat Membru** mingħajr ma jkunu rilaxxati għaċ-ċirkolazzjoni libera hemmhekk, fejn tali merkanzija tiġi minn **partijiet terzi** u jkollha mingħajr awtorizzazzjoni trade mark li hija essenzjalment identika għat-trade mark reġistrata fir-rigward ta' din il-merkanzija.

*Emenda*

(22) Bil-għan li tissaħħaħ il-protezzjoni tat-trade marks u l-ġlieda kontra l-falsifikazzjoni b'mod aktar effettiv, il-proprjetarju ta' trade mark **Ewropea** reġistrata għandu **wkoll ikun** intitolat li jipprevjeni **l-partijiet** terzi **kollha** milli jġibu merkanzija, **fil-kuntest tal-attività kummerċjali**, fit-territorju doganali **tal-Unjoni** mingħajr ma jkunu rilaxxati għaċ-ċirkolazzjoni libera hemmhekk, fejn tali merkanzija, **inkluż l-imballaġġ**, tiġi minn pajjiż terz u jkollha mingħajr awtorizzazzjoni trade mark li hija essenzjalment identika għat-trade mark **Ewropea** reġistrata **b'mod validu** fir-rigward ta' din il-merkanzija **u li ma tistax issir distinzjoni fl-aspetti essenzjali tagħha minn dik it-trade mark. Biex ma jiġux ostakolati l-produzzjoni, it-tqassim u d-distribuzzjoni ta' oġġetti leġittimi, din ir-regola għandha tapplika biss jekk il-proprjetarju tat-trade mark ikun jista' juri biċ-ċar u bi provi dokumentati r-riskju sostanzjali ta' diverżjoni bi frodi tal-allegati oġġetti falsifikati fi Stat Membru. Il-Kummissjoni Ewropea għandha tiżviluppa u timplimenta linji gwida għall-awtoritajiet doganali nazzjonali b'indikaturi ċari dwar kif għandu jiġi stabbilit tali riskju sostanzjali ta' diverżjoni bi frodi. Il-lista ta' indikaturi ċari għandha tifflekkja l-importanza ta' kummerċ mhux ristrett, fost l-oħrajn fil-mediċini ġeneriċi, u għandha tkun konformi mal-każistika tal-QĠUE.**

Or. en

**Emenda 49**  
**Bernhard Rapkay**

**Proposta għal direttiva**  
**Premessa 22**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(22) Bil-għan li tissaħħaħ il-protezzjoni tat-trade marks u l-għlieda kontra l-falsifikazzjoni b'mod aktar effettiv, il-proprjetarju ta' trade mark reġistrata għandu jkun intitolat li jipprevjeni partijiet terzi milli jgħibu merkanzija fit-territorju doganali tal-Istat Membru mingħajr ma jkunu rilaxxati għaċ-ċirkolazzjoni libera hemmhekk, fejn tali merkanzija tiġi minn partijiet terzi u jkollha mingħajr awtorizzazzjoni trade mark li hija essenzjalment identika għat-trade mark reġistrata fir-rigward ta' din il-merkanzija.

*Emenda*

(22) Bil-għan li tissaħħaħ il-protezzjoni tat-trade marks u l-għlieda kontra l-falsifikazzjoni b'mod aktar effettiv, il-proprjetarju ta' trade mark reġistrata għandu jkun intitolat li jipprevjeni partijiet terzi milli jgħibu merkanzija fit-territorju doganali tal-Istat Membru mingħajr ma jkunu rilaxxati għaċ-ċirkolazzjoni libera hemmhekk, fejn tali merkanzija tiġi minn partijiet terzi u jkollha mingħajr awtorizzazzjoni trade mark li hija essenzjalment identika għat-trade mark reġistrata fir-rigward ta' din il-merkanzija. ***Dan għandu jkun mingħajr preġudizzju għall-konformità tal-Unjoni mar-regoli tad-WTO, b'mod partikolari mal-Artikolu V tal-GATT dwar il-libertà ta' tranżitu.***

Or. de

**Emenda 50**  
**Christian Engström**  
f' isem il-Grupp Verts/EFA

**Proposta għal direttiva**  
**Premessa 22a (ġdida)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

***(22a) Billi jiġi rikonoxxut li t-tħassib ewlieni ta' saħħa pubblika jikkonċerna l-kwalità tal-mediċini u mhux l-infurzar tat-trade mark jew ta' proprjetà intellettwali oħra u għandu jiġi indirizzat permezz ta' miżuri oħra, inkluż***

*Emenda*



*regolamentazzjoni bl-għan li jittejbu l-istandards ta' kwalità.*

Or. en

**Emenda 51**

**Christian Engström**

f' isem il-Grupp Verts/EFA

**Proposta għal direttiva**

**Premessa 23**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***(23) Sabiex ikun hemm aktar prevenzjoni effettiva tad-dħul ta' merkanzija ta' ksur, b'mod partikolari fil-kuntest ta' bejgħ fuq l-Internet, il-proprjetarju għandu jkun intitolat li jipprojbixxi l-importazzjoni ta' tali merkanzija fl-Unjoni fejn huwa biss l-ispeditur tal-merkanzija li jaġixxi għal skopijiet kummerċjali.***

***imħassar***

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Through clever wording and the doctrine of regional exhaustion, this text, together with its article, tries to restrict parallel imports. It may make it impossible for private individuals to buy completely legitimate goods, if they do this over the internet and from third countries. This affects not only counterfeits but completely legitimate originals as well: EU citizens would be forbidden to buy certain things over the internet, simply because they do this from, for example, a web shop in the US. Putting up such artificial barriers to trade through trade marks makes no economic sense.*

**Emenda 52**

**Evelyn Regner**

**Proposta għal direttiva**

**Premessa 23**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***(23) Sabiex ikun hemm aktar prevenzjoni***

***imħassar***

*effettiva tad-dħul ta' merkanzija ta' ksur, b'mod partikolari fil-kuntest ta' bejgħ fuq l-Internet, il-proprjetarju għandu jkun intitolat li jipprojbixxi l-importazzjoni ta' tali merkanzija fl-Unjoni fejn huwa biss l-ispeditur tal-merkanzija li jaġixxi għal skopijiet kummerċjali.*

Or. de

**Emenda 53**  
**Tadeusz Zwiefka**

**Proposta għal direttiva**  
**Premessa 24**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(24) Sabiex il-proprjetarji ta' trade marks reġistrati jkunu jistgħu jiġġieldu l-falsifikazzjoni b'mod aktar effettiv, huma għandhom ikunu intitolati li jipprojbixxu t-twaħħil ta' trade mark ta' ksur fuq merkanzija u *ċerti* atti preparatorji qabel it-twaħħil.

*Emenda*

(24) Sabiex il-proprjetarji ta' trade marks reġistrati jkunu jistgħu jiġġieldu l-falsifikazzjoni b'mod aktar effettiv, huma għandhom ikunu intitolati li jipprojbixxu t-twaħħil ta' trade mark ta' ksur fuq merkanzija u atti preparatorji qabel it-twaħħil.

Or. en

**Emenda 54**  
**Antonio Masip Hidalgo**

**Proposta għal direttiva**  
**Premessa 24**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(24) Sabiex il-proprjetarji ta' trade marks reġistrati jkunu jistgħu jiġġieldu l-falsifikazzjoni b'mod aktar effettiv, huma għandhom ikunu intitolati li jipprojbixxu t-twaħħil ta' trade mark ta' ksur fuq merkanzija u *ċerti atti* preparatorji qabel it-twaħħil.

*Emenda*

(24) Sabiex il-proprjetarji ta' trade marks reġistrati jkunu jistgħu jiġġieldu l-falsifikazzjoni b'mod aktar effettiv, huma għandhom ikunu intitolati li jipprojbixxu t-twaħħil ta' trade mark ta' ksur fuq merkanzija u *l-atti* preparatorji *kollha* qabel it-twaħħil.

*Ġustifikazzjoni*

*Qed nagħmlu preċiżjoni biex nagħtu l-possibilità lill-proprjetarji ta' trade mark li jipprojbixxu t-twaħħil ta' trade mark fuq il-prodotti kif ukoll l-atti preparatorji kollha, għal aktar ċertezza legali. Fil-fatt, fit-test Inġliż il-premessa titkellem dwar « and certain preparatory acts prior to the affixing ».*

**Emenda 55**

**Pier Antonio Panzeri, Bernhard Rapkay**

**Proposta għal direttiva**

**Premessa 25a (ġdida)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***(25a) Id-drittijiet esklużivi mogħtija minn trade mark m'għandhomx jintitolaw lill-proprjetarju li jipprojbixxi l-użu ta' sinjali jew indikazzjonijiet li jintużaw għal kawża xierqa sabiex il-konsumaturi jkunu jistgħu jagħmlu paraguni, jesprimu opinjonijiet jew fejn ma jkun hemm l-ebda użu kummerċjali tat-trade mark.***

Or. en

**Emenda 56**

**Evelyn Regner**

**Proposta għal direttiva**

**Premessa 29**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

(29) It-trade marks jissodisfaw l-għan tagħhom li ssir distinzjoni tal-merkanzija jew servizzi u jippermettu lill-konsumaturi biex jagħmlu għażliet infurmati biss meta dawn jintużaw verament fis-suq. Huwa meħtieġ ukoll rekwiżit tal-użu sabiex inaqqas l-għadd totali tat-trade marks reġistrati u protetti fl-Unjoni u, konsegwentament, l-għadd ta' kunflitti li

(29) It-trade marks jissodisfaw l-għan tagħhom li ssir distinzjoni tal-merkanzija jew servizzi u jippermettu lill-konsumaturi biex jagħmlu għażliet infurmati biss meta dawn jintużaw verament fis-suq. Huwa meħtieġ ukoll rekwiżit tal-użu sabiex inaqqas l-għadd totali tat-trade marks reġistrati u protetti fl-Unjoni u, konsegwentament, l-għadd ta' kunflitti li

jirriżultaw bejniethom. Għaldaqstant huwa essenzjali li jkun meħtieġ li trade marks reġistrati għandhom jintużaw b'konnessjoni mal-merkanzija jew servizzi li għalihom huma reġistrati, jew jekk ma jintużawx, dawn għandhom ikunu suxxettibbli għal revoka.

jirriżultaw bejniethom. Għaldaqstant huwa essenzjali li jkun meħtieġ li trade marks reġistrati għandhom jintużaw b'konnessjoni mal-merkanzija jew servizzi li għalihom huma reġistrati, jew jekk ma jintużawx **wara perjodu ta' ħames snin mill-approvazzjoni**, dawn għandhom ikunu suxxettibbli għal revoka.

Or. de

**Emenda 57**  
**Antonio Masip Hidalgo**

**Proposta għal direttiva**  
**Premessa 29**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(29) It-trade marks jissodisfaw l-għan tagħhom li ssir distinzjoni tal-merkanzija jew servizzi u jippermettu lill-konsumaturi biex jagħmlu għażliet infurmati biss meta dawn jintużaw verament fis-suq. Huwa meħtieġ ukoll rekwiżit tal-użu sabiex inaqqas l-għadd totali tat-trade marks reġistrati u protetti fl-Unjoni u, konsegwentament, l-għadd ta' kunflitti li jirriżultaw bejniethom. Għaldaqstant huwa essenzjali li jkun meħtieġ li trade marks reġistrati għandhom jintużaw b'konnessjoni mal-merkanzija jew servizzi li għalihom huma reġistrati, jew jekk ma jintużawx, dawn għandhom ikunu suxxettibbli għal revoka.

*Emenda*

(29) It-trade marks jissodisfaw l-għan tagħhom li ssir distinzjoni tal-merkanzija jew servizzi u jippermettu lill-konsumaturi biex jagħmlu għażliet infurmati biss meta dawn jintużaw verament fis-suq. Huwa meħtieġ ukoll rekwiżit tal-użu sabiex inaqqas l-għadd totali tat-trade marks reġistrati u protetti fl-Unjoni u, konsegwentament, l-għadd ta' kunflitti li jirriżultaw bejniethom. Għaldaqstant huwa essenzjali li jkun meħtieġ li trade marks reġistrati għandhom jintużaw b'konnessjoni mal-merkanzija jew servizzi li għalihom huma reġistrati, jew jekk ma jintużawx, dawn għandhom ikunu suxxettibbli għal revoka, **fi żmien 5 snin mid-data tar-reġistrazzjoni**.

Or. fr

*Ġustifikazzjoni*

*Din iż-żieda tippermetti allinjament tal-premessa f'paragrafu 1 tal-Artikolu 16 tad-Direttiva dwar it-tqarrib tal-liġijiet tal-Istati Membri dwar it-trade marks. Barra minn hekk, din l-emenda tippermetti l-ankrar tal-viżjoni Ewropea tal-protezzjoni tal-kreattività tal-SMEs, billi tagħtihom iċ-ċans jiżviluppaw biex jiproteġu t-trade mark tagħhom.*

**Emenda 58**  
**Pier Antonio Panzeri**

**Proposta għal direttiva**  
**Premessa 36a (ġdida)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(36a) Avviż ta' oppożizzjoni għar-reġistrazzjoni tat-trade mark jista' jingħata wkoll minn kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika u kwalunkwe grupp jew korp li jirrappreżenta manifatturi, produttori, fornituri ta' servizzi, kummerċjanti, jew konsumaturi li jagħtu evidenza li trade mark hija ta' tali natura li tqarraq lill-pubbliku, pereżempju rigward in-natura, il-kwalità jew l-oriġini ġeografika tal-prodotti jew tas-servizz;*

Or. en

**Emenda 59**  
**Cecilia Wikström**

**Proposta għal direttiva**  
**Premessa 41a (ġdida)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(41a) F'konformità mad-Dikjarazzjoni Politika Konġunta tal-Istati Membri u l-Kummissjoni dwar id-dokumenti ta' spjegazzjoni tat-28 ta' Settembru 2011, l-Istati Membri ntrabtu li jakkumpanjaw, f'każijiet ġustifikati, in-notifika tal-miżuri ta' traspożizzjoni tagħhom ma' dokument wieħed jew aktar li jispjega r-relazzjoni bejn il-komponenti ta' direttiva u l-partijiet korrispondenti tal-istrumenti tat-traspożizzjoni nazzjonali. Fir-rigward ta' din id-Direttiva, il-leġiżlatur iqis li t-trażmissjoni ta' tali dokumenti hija ġustifikata.*

**Emenda 60**  
**Marielle Gallo**

**Proposta għal direttiva**  
**Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt b**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(b) “Aġenzija” tfisser l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea **għat-Trade Marks u d-Disinji** stabbilita b’konformità mal-Artikolu 2 tar-Regolament (KE) Nru 207/2009;

*Emenda*

(b) ‘Aġenzija’ tfisser l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea **għall-Proprietà Intellettwali** stabbilita b’konformità mal-Artikolu 2 tar-Regolament (KE) Nru 207/2009;

*(Din l-emenda tapplika għat-test leġiżlattiv kollu li qed jiġi eżaminat. l-adozzjoni tagħha timponi adattamenti tekniċi fit-test kollu.)*

**Emenda 61**  
**Evelyn Regner**

**Proposta għal direttiva**  
**Artikolu 3 – paragrafu 1 – parti introduttorja**

*Test propost mill-Kummissjoni*

Trade mark tista’ tikkonsisti minn kwalunkwe *sinjal*, b’mod partikolari permezz ta’ kliem, inklużi ismijiet personali, disinji, ittri, numri, kuluri, l-għamla ta’ merkanzija jew l-imballaġġ tagħhom, jew ħsejjes sakemm dawn is-sinjali jkunu jistgħu:

*Emenda*

Trade mark tista’ tikkonsisti minn kwalunkwe *sinjal*, b’mod partikolari permezz ta’ kliem, inklużi ismijiet personali, disinji, ittri, **patterns, logos tad-ditta**, numri, kuluri, l-għamla ta’ merkanzija jew l-imballaġġ tagħhom, jew ħsejjes sakemm dawn is-sinjali jkunu jistgħu:

**Emenda 62**  
**Antonio Masip Hidalgo**

**Proposta għal direttiva**

**Artikolu 3 – paragrafu 1 – parti introduttorja**

Direttiva 2008/95/KE

Artikolu 2

*Test propost mill-Kummissjoni*

Trade mark tista' tikkonsisti minn kwalunkwe sinjal , b'mod partikolari permezz ta' kliem, inklużi ismijiet personali, disinji, ittri, numri, kuluri, l-għamla ta' merkanzija jew l-imballaġġ tagħhom, jew ħsejjes sakemm dawn is-sinjali jkunu jistgħu:

*Emenda*

Trade mark tista' tikkonsisti minn kwalunkwe sinjal, b'mod partikolari permezz ta' kliem, inklużi ismijiet personali, disinji, ***mudelli, elementi ripetuti (pattern), dispożittivi u logos***, ittri, numri, kuluri, l-għamla ta' merkanzija jew l-imballaġġ tagħhom, jew ħsejjes sakemm dawn is-sinjali jkunu jistgħu:

Or. fr

*Ġustifikazzjoni*

*Il-mudelli, elementi ripetuti, karatteristiċi u logos sikwit huma elementi involvuti fil-ħolqien ta' sinjal li jintuża bħala trade mark.*

**Emenda 63**

**Bernhard Rapkay**

**Proposta għal direttiva**

**Artikolu 3 – paragrafu 1 – parti introduttorja**

*Test propost mill-Kummissjoni*

Trade mark tista' tikkonsisti minn kwalunkwe sinjal , b'mod partikolari permezz ta' kliem, inklużi ismijiet personali, disinji, ittri, numri, kuluri, l-għamla ta' merkanzija jew l-imballaġġ tagħhom, jew ħsejjes sakemm dawn is-sinjali jkunu jistgħu:

*Emenda*

Trade mark tista' tikkonsisti minn kwalunkwe sinjal , b'mod partikolari permezz ta' kliem, inklużi ismijiet personali, disinji, ittri, numri, kuluri, l-għamla ta' merkanzija jew l-imballaġġ tagħhom, jew ħsejjes sakemm ***tali sinjali jkunu adattati u sakemm tintuża teknoloġija ġeneralment aċċessibbli, u*** dawn is-sinjali jkunu jistgħu:

Or. de

**Emenda 64**  
**Giuseppe Gargani, Raffaele Baldassarre**

**Proposta għal direttiva**  
**Artikolu 3 – paragrafu 1 – parti introduttorja**

*Test propost mill-Kummissjoni*

Trade mark tista' tikkonsisti minn kwalunkwe *sinjal*, b' mod partikolari permezz ta' kliem, inklużi ismijiet personali, disinji, ittri, numri, kuluri, l-għamla ta' merkanzija jew l-imballaġġ tagħhom, jew ħsejjes sakemm dawn is-sinjali jkunu jistgħu:

*Emenda*

Trade mark tista' tikkonsisti minn kwalunkwe sinjal, b' mod partikolari permezz ta' kliem, inklużi ismijiet personali, disinji, *mudelli, elementi ripetuti (patterns), dispożittivi, logos*, ittri, numri, kuluri, l-għamla ta' merkanzija jew l-imballaġġ tagħhom, jew ħsejjes sakemm dawn is-sinjali jkunu jistgħu:

Or. it

**Emenda 65**  
**Antonio López-Istúriz White**

**Proposta għal direttiva**  
**Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt b**

*Test propost mill-Kummissjoni*

b) ikunu rappreżentati b' mod li jippermetti lill-awtoritajiet kompetenti u lill-pubbliku jiddeterminaw is-suġġett preċiż tal-protezzjoni mogħtija lill-proprietarju tagħhom.

*Emenda*

b) ikunu rappreżentati, *kemm fil-pubblikazzjoni kif ukoll fir-reġistrazzjoni tagħhom*, b' mod li jippermetti lill-awtoritajiet kompetenti u lill-pubbliku jiddeterminaw is-suġġett preċiż tal-protezzjoni mogħtija lill-proprietarju tagħhom.

Or. es

*Ġustifikazzjoni*

*Għandha tiddaħħal referenza għall-pubblikazzjoni li għandha ssir ta' kull trade mark għall-garanzija tal-partijiet terzi.*

**Emenda 66**  
**Tadeusz Zwiefka**



**Proposta għal direttiva**  
**Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt j**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(j) trade marks li huma esklużi mir-reġistrazzjoni skont il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni jew tal-fethimiet internazzjonali li l-Unjoni tiffirma parti minnhom, għall-protezzjoni ta' termini tradizzjonali għall-ispeċjalitajiet tal-inbid u dawk tradizzjonali garantiti.

*Emenda*

(j) trade marks li huma esklużi mir-reġistrazzjoni skont il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni jew tal-fethimiet internazzjonali li l-Unjoni tiffirma parti minnhom, għall-protezzjoni ta' ***spirti***, termini tradizzjonali għall-ispeċjalitajiet tal-inbid u dawk tradizzjonali garantiti.

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Mingħajr dubju, id-dispożizzjoni hija ta' benefiċċju għall-proprjetarji tal-GIs. Madankollu, ir-raġuni għaliex qed jiġu identifikati l-ispirti f'din id-dispożizzjoni tirriżulta mill-GIs koperti mir-Regolament (KE) Nru 110/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Jannar 2008. Jeħtieġ li ssir distinzjoni bejnhom u indikazzjonijiet u deżinjazzjonijiet oħra għal prodotti agrikoli u ikel inklużi fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 510/2006 jew Nru 509/2006 tal-20 ta' Marzu 2006.*

**Emenda 67**  
**Tadeusz Zwiefka**

**Proposta għal direttiva**  
**Artikolu 4 – paragrafu 5**

*Test propost mill-Kummissjoni*

5. Trade mark ma għandhiex tiġi rifjutata reġistrazzjoni jew tiġi dikjarata nulla skont il-paragrafu 1(b), (c) jew (d) jekk, qabel id-data tal-applikazzjoni għar-reġistrazzjoni ***jew wara l-data tar-reġistrazzjoni u*** wara l-użu magħmul minnha, hi akkwistat karattru distintiv.

*Emenda*

5. Trade mark ma għandhiex tkun rifjutata reġistrazzjoni skont l-paragrafu 1(b) (c) jew (d) jekk, qabel id-data tal-applikazzjoni għar-reġistrazzjoni ***wara l-użu magħmul minnha, hi akkwistat ħadet karattru distintiv. Trade mark ma għandhiex tkun iddikjarata invalida għall-istess raġunijiet jekk, qabel id-data tal-applikazzjoni għall-invalidità,*** wara l-użu magħmul minnha, hi akkwistat karattru distintiv.

Or. en

**Emenda 68**  
**Antonio Masip Hidalgo**

**Proposta għal direttiva**  
**Artikolu 4 – paragrafu 6**

*Test propost mill-Kummissjoni*

6. **Kwalunkwe Stat Membru jista' jistipula li** l-paragrafu 5 **għandujapplika** wkoll fejn il-karatteristika distintiva kienet akkwistata wara d-data tal-applikazzjoni għar-reġistrazzjoni u qabel id-data tar-reġistrazzjoni

*Emenda*

6. Il-paragrafu 5 **għandu japplika** wkoll fejn il-karatteristika distintiva kienet akkwistata wara d-data tal-applikazzjoni għar-reġistrazzjoni u qabel id-data tar-reġistrazzjoni.

Or. fr

*Ġustifikazzjoni*

*Għal raġunijiet ta' ċertezza legali u biex jiġu rikonoxxuti u valorizzati l-investimenti magħmula mill-intrapriżi, u b'mod partikolari mill-SMEs, huwa importanti li jkun obligatorju għall-Istati Membri d-dritt li jintwera li n-natura distintiva hija miksuba f'kull waqt.*

**Emenda 69**  
**Marielle Gallo**

**Proposta għal direttiva**  
**Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt a**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(a) jekk tkun identika għal trade mark preċedenti, **u l-merkanzija** jew is-servizzi li għalihom **it-trade mark** hi applikata jew reġistrata jkunu identiċi **għall-merkanzija jew servizzi** li għalihom it-trade mark preċedenti hi **protetta**;

*Emenda*

(a) jekk tkun identika, **jew simili**, għal trade mark preċedenti **irrispettivament minn jekk il-merkanzija** jew is-servizzi li għalihom hi applikata jew reġistrata huma identiċi ma', **jew simili jew mhumiex simili għal dawk** li għalihom it-trade mark preċedenti hi **reġistrata, fejn it-trade mark preċedenti jkollha reputazzjoni Stat Membru fejn ġie rreġistrat jew, f'każ ta' trade mark tal-Unjoni Ewropea, għandha reputazzjoni fl-Unjoni u l-użu tat-trade mark tal-aħħar, mingħajr raġuni valida,**

*tieħu vantaġġ żleali minn, jew  
tippreġudika, il-karattru distintiv jew ir-  
reputazzjoni tat-trade mark preċedenti;*

Or. en

**Emenda 70**  
**Antonio Masip Hidalgo**

**Proposta għal direttiva**  
**Artikolu 5 – paragrafu 3 – punt a**

*Test propost mill-Kummissjoni*

a) hija tkun identika, jew simili, għal trade mark preċedenti irrispettivament minn jekk il-merkanzija jew is-servizzi li għalihom hija applikata jew reġistrata huma identiċi ma', jew simili jew mhumiex simili għal dawk li għalihom it-trade mark preċedenti hi reġistrata, fejn it-trade mark preċedenti jkollha reputazzjoni Stat Membru jew, f'każ ta' trade mark Ewropea, għandha reputazzjoni fl-Unjoni u l-użu tat-trade mark tal-aħħar, mingħajr raġuni valida, tieħu vantaġġ żleali minn, jew tippreġudika, il-karattru distintiv jew ir-reputazzjoni tat-trade mark preċedenti;

*Emenda*

a) hija tkun identika, jew simili, għal trade mark preċedenti irrispettivament minn jekk il-merkanzija jew is-servizzi li għalihom hija applikata jew reġistrata huma identiċi ma', jew simili jew mhumiex simili għal dawk li għalihom it-trade mark preċedenti hi reġistrata, fejn it-trade mark preċedenti jkollha reputazzjoni **f'parti sostanzjali tat-territorju tal-Unjoni, anke jekk ikun fi** Stat Membru **wieħed** jew, f'każ ta' trade mark Ewropea, għandha reputazzjoni fl-Unjoni u l-użu tat-trade mark tal-aħħar, mingħajr raġuni valida, tieħu vantaġġ żleali minn, jew tippreġudika, il-karattru distintiv jew ir-reputazzjoni tat-trade mark preċedenti;

Or. fr

*Ġustifikazzjoni*

*Huwa importanti li jiġi ppreċiżat b'mod ċar li r-reputazzjoni fl-Unjoni Ewropea ma tiddependix mill-prova ta' tali reputazzjoni f'kull Stat Membru.*

**Emenda 71**  
**Antonio López-Istúriz White**

**Proposta għal direttiva**  
**Artikolu 5 – paragrafu 3 – punt d**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**(d) jekk tkun eskluża mir-reġistrazzjoni u ma għandhiex tkompli tintuża skont il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni għall-protezzjoni ta' ħatriet ta' indikazzjonijiet ta' orġini u daww ġeografiċi.**

**imħassar**

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*B'rabta mal-emenda għall-Artikolu 45(2), qed jiġi propost li jiħassar l-Artikolu 5(3)(d) peress li din ir-raġuni għal rifjut hija diġà stabbilita fl-Artikolu 4(1)(i) u l-proprjetarji tad-drittijiet tal-indikazzjonijiet ta' orġini u ġeografiċi għandhom id-dritt iressqu oppożizzjoni. Teknikament, din hija soluzzjoni iktar korretta li tilħaq l-istess objettiv mingħajr ma jkollhom isiru emendi lill-Artikolu 9(1) meta tkun ikkonċernata l-invalidità b'konsegwenza ta' qbil.*

**Emenda 72**  
**Marielle Gallo**

**Proposta għal direttiva**  
**Artikolu 10 – paragrafu 1**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

1. Ir-reġistrazzjoni ta' trade mark għandha tagħti lill-proprjetarju drittijiet esklussivi .

1. Ir-reġistrazzjoni ta' trade mark għandha tagħti lill-proprjetarju drittijiet esklussivi ***b'mod partikolari d-dritt pożittiv li jintuża u li jiġi pprevenut l-użu minn kwalunkwe parti terza li ma jkollhiex il-kunsens tiegħu.***

Or. en

**Emenda 73**  
**Marielle Gallo**

**Proposta għal direttiva**  
**Artikolu 10 – paragrafu 2 – punt a**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(a) is- sinjal ikun identiku għat-trade mark u jintuża relattivament għall-merkanzija jew servizzi li huma identiċi għal dawk li għalihom it-trade mark tkun reġistrata **u fejn tali użu jaffettwa jew ikun u suġġettivli li jaffettwa l-funzjoni tat-trade mark biex jiggarrantixxi lill-konsumaturi l-oriġini tal-merkanzija jew tas-servizzi ;**

*Emenda*

(a) is-sinjal ikun identiku għat-trade mark u jintuża relattivament għall-merkanzija jew servizzi li huma identiċi għal dawk li għalihom it-trade mark tkun reġistrata;

Or. en

**Emenda 74**

**Pier Antonio Panzeri, Bernhard Rapkay**

**Proposta għal direttiva**

**Artikolu 10 – paragrafu 2 – punt a**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(a) **is- sinjal** ikun identiku għat-trade mark u jintuża relattivament għall-merkanzija jew servizzi li huma identiċi għal dawk li għalihom it-trade mark tkun reġistrata u fejn tali użu jaffettwa jew ikun u suġġettivli li jaffettwa l-funzjoni tat-trade mark biex jiggarrantixxi lill-konsumaturi l-oriġini tal-merkanzija jew tas-servizzi ;

*Emenda*

(a) **is-sinjal** ikun identiku għat-trade mark u jintuża relattivament għall-merkanzija jew servizzi li huma identiċi għal dawk li għalihom it-trade mark tkun reġistrata u fejn tali użu jaffettwa jew jista' jaffettwa l-funzjoni tat-trade mark biex jiggarrantixxi lill-konsumaturi l-oriġini tal-merkanzija jew tas-servizzi **billi dawn ikunu jistgħu jagħmlu distinzjoni mingħajr possibilità ta' konfużjoni bejn dak il-prodott u prodotti li jkollhom oriġini oħra;**

Or. en

**Emenda 75**

**Marielle Gallo**

**Proposta għal direttiva**

**Artikolu 10 – paragrafu 2 – punt b**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(b) is- sinjal huwa identiku jew simili, għat-trade mark u huwa użat għal merkanzija jew servizzi li huma identiċi jew simili għall-merkanzija jew servizzi li għalihom it-trade mark hija reġistrata , jekk teżisti l-possibbiltà ta' konfużjoni min-naħa tal-pubbliku; il-possibbiltà ta' konfużjoni tinkludi l-possibbiltà ta' assoċjazzjoni bejn is-sinjal u t-trade mark;

*Emenda*

(b) ***Mingħajr preġudizzju għall-punt a***, is-sinjal huwa identiku jew simili, għat-trade mark u huwa użat għal merkanzija jew servizzi li huma identiċi jew simili għall-merkanzija jew servizzi li għalihom it-trade mark hija reġistrata, jekk teżisti l-possibbiltà ta' konfużjoni min-naħa tal-pubbliku; il-possibbiltà ta' konfużjoni tinkludi l-possibbiltà ta' assoċjazzjoni bejn is-sinjal u t-trade mark;

Or. en

**Emenda 76**  
**Marielle Gallo**

**Proposta għal direttiva**  
**Artikolu 10 – paragrafu 3 – punt c**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(c) ***l-importazzjoni jew*** esportazzjoni tal-merkanzija taħt ***is-sinjal***;

*Emenda*

(c) ***Il-manifattura jew it-tqegħid taħt proċedura sospensiva, l-importazzjoni, l-esportazzjoni, l-esportazzjoni mill-ġdid jew it-transshipping*** tal-merkanzija taħt ***dak is-sinjal***;

Or. en

**Emenda 77**  
**Tadeusz Zwiefka**

**Proposta għal direttiva**  
**Artikolu 10 – paragrafu 3 – punt d**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(d) l-użu tas-sinjal bħala isem tal-kummerċ jew tal-kumpanija jew parti minn isem tal-kummerċ jew tal-kumpanija;

*Emenda*

(d) l-użu tas-sinjal bħala isem tal-kummerċ jew tal-kumpanija jew parti minn isem tal-kummerċ jew tal-kumpanija, ***jew ismijiet ta' domains***;

Or. en

**Emenda 78**  
**Christian Engström**  
f' isem il-Grupp Verts/EFA

**Proposta għal direttiva**  
**Artikolu 10 – paragrafu 4**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**4. Il-proprjetarju ta' marka reġistrata għandu jkun intitolat jipprevjeni l-importazzjoni ta' merkanzija skont il-paragrafu 3(c) fejn l-ispeditur tal-merkanzija biss jaġixxi għal skopijiet kummerċjali.**

***imħassar***

Or. en

**Emenda 79**  
**Evelyn Regner**

**Proposta għal direttiva**  
**Artikolu 10 – paragrafu 4**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**4. Il-proprjetarju ta' marka reġistrata għandu jkun intitolat jipprevjeni l-importazzjoni ta' merkanzija skont il-paragrafu 3(c) fejn l-ispeditur tal-merkanzija biss jaġixxi għal skopijiet kummerċjali.**

***imħassar***

Or. de

**Emenda 80**  
**Marielle Gallo**

**Proposta għal direttiva**  
**Artikolu 10 – paragrafu 4**

*Test propost mill-Kummissjoni*

4. Il-proprjetarju ta' **marka** reġistrata għandu jkun intitolat jipprevjeni l-importazzjoni ta' merkanzija skont il-paragrafu 3(c) fejn l-ispeditur tal-merkanzija biss jaġixxi **għal skopijiet** kummerċjali.

*Emenda*

4. Il-proprjetarju ta' **trade mark** reġistrata għandu jkun intitolat jipprevjeni l-importazzjoni ta' merkanzija skont il-paragrafu 3(c) fejn l-ispeditur tal-merkanzija biss jaġixxi **fil-kuntest ta' attività** kummerċjali.

Or. en

**Emenda 81**

**Christian Engström**

f' isem il-Grupp Verts/EFA

**Proposta għal direttiva  
Artikolu 10 – paragrafu 5**

*Test propost mill-Kummissjoni*

5. Il-proprjetarju ta' trade mark **reġistrata** għandu jkun intitolat ukoll jipprevjeni lill-partijiet terzi kollha milli jgħibu merkanzija, fil-kuntest ta' attività kummerċjali, fit-territorju doganali **tal-Istati Membri** fejn it-trade mark hija reġistrata mingħajr ma jkun rilaxxati għaċ-ċirkolazzjoni libera meta, tali merkanzija, inkluż l-imballaġġ, tiġi minn **pajjiżi terzi** u ma jkollha mingħajr awtorizzazzjoni trade mark li hija identika għat-trade mark reġistrata fir-rigward ta' tali merkanzija, **jew** li ma tistax issir distinzjoni fl-aspetti essenzjali tagħha minn dik it-trade mark.

*Emenda*

5. Il-proprjetarju ta' trade mark **Ewropea rreġistrata** għandu jkun intitolat ukoll jipprevjeni lill-partijiet terzi kollha milli jgħibu merkanzija, fil-kuntest ta' attività kummerċjali, fit-territorju doganali **tal-Unjoni** fejn it-trade mark hija reġistrata mingħajr ma jkun rilaxxati għaċ-ċirkolazzjoni libera meta, tali merkanzija, inkluż l-imballaġġ, tiġi minn **pajjiżi terzi** u ma jkollha mingħajr awtorizzazzjoni trade mark li hija **essenzjalment** identika għat-trade mark **Ewropea rreġistrata b'mod validu** fir-rigward ta' tali merkanzija **u** li ma tistax issir distinzjoni fl-aspetti essenzjali tagħha minn dik it-trade mark.

**Biex ma tiġix ostakolata l-produzzjoni, it-tqassim u d-distribuzzjoni ta' oġġetti leġittimi, din ir-regola għandha tapplika biss jekk il-proprjetarju tat-trade mark ikun jista' juri biċ-ċar u bi provi dokumentati r-riskju sostanzjali ta' diverżjoni bi frodi tal-allegati oġġetti falsifikati fi Stat Membru.**

**Il-Kummissjoni Ewropea għandha**



*tiżviluppa u timplimenta linji gwida għall-awtoritajiet doganali nazzjonali b'indikaturi ċari dwar kif għandu jiġi stabbilit tali riskju sostanzjali ta' diverżjoni bi frodi. Il-lista ta' indikaturi ċari għandha tirrifletti l-importanza ta' kummerċ mhux ristrett, fost l-oħrajn fil-mediċini ġeneriċi, u għandha tkun konformi mal-każistika tal-QĠUE.*

Or. en

## **Emenda 82**

**Marielle Gallo, Tadeusz Zwiefka**

### **Proposta għal direttiva**

### **Artikolu 10 – paragrafu 5**

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

5. Il-proprjetarju ta' trade mark reġistrata għandu jkun intitolat ukoll jipprevjeni lill-partijiet terzi kollha milli jgħibu merkanzija, fil-kuntest ta' attività kummerċjali, fit-territorju doganali tal-Istati Membri fejn it-trade mark hija reġistrata mingħajr ma jkunu rilaxxati għaċ-ċirkolazzjoni libera meta, tali merkanzija, inkluż l-imballaġġ, tiġi minn pajjiżi terzi u ma jkollha mingħajr awtorizzazzjoni trade mark li hija identika għat-trade mark reġistrata fir-rigward ta' tali merkanzija, jew li ma tistax issir distinzjoni fl-aspetti essenzjali tagħha minn dik it-trade mark.

#### *Emenda*

5. Il-proprjetarju ta' trade mark reġistrata għandu jkun intitolat ukoll jipprevjeni lill-partijiet terzi kollha milli jgħibu merkanzija, fil-kuntest ta' attività kummerċjali, fit-territorju doganali tal-Istati Membri fejn it-trade mark hija reġistrata mingħajr ma jkunu rilaxxati għaċ-ċirkolazzjoni libera meta, tali merkanzija, inkluż l-imballaġġ, tiġi minn pajjiżi terzi u ma jkollha mingħajr awtorizzazzjoni trade mark li hija identika għat-trade mark reġistrata fir-rigward ta' tali merkanzija, jew li ma tistax issir distinzjoni fl-aspetti essenzjali tagħha minn dik it-trade mark.

***L-awtoritajiet doganali għandhom iwettqu wkoll il-kontrolli rilevanti skont ir-regoli stabbiliti fir-Regolament (KE)***

***Nru 608/2013 fuq talba tad-detenturi tad-drittijiet u abbażi ta' kriterji ta' analiżi tar-riskju, fuq oġġetti, inkluż imballaġġ, sospettati minn ksur ta' trade mark li jaqsam it-territorju tal-Unjoni Ewropea taħt proċedura sospensiva u huma destinati u rilaxxati fis-suq ta' pajjiż terz.***

**Emenda 83**  
**Bernhard Rapkay**

**Proposta għal direttiva**  
**Artikolu 10 – paragrafu 5**

*Test propost mill-Kummissjoni*

5. Il-proprjetarju ta' trade mark reġistrata għandu jkun intitolat ukoll jipprevjeni lill-partijiet terzi kollha milli jgħibu merkanzija, fil-kuntest ta' attività kummerċjali, fit-territorju doganali tal-Istati Membri fejn it-trade mark hija reġistrata mingħajr ma jkunu rilaxxati għaċ-ċirkolazzjoni libera meta, tali merkanzija, inkluż l-imballaġġ, tiġi minn pajjiżi terzi u ma jkollha mingħajr awtorizzazzjoni trade mark li hija identika għat-trade mark reġistrata fir-rigward ta' tali merkanzija, jew li ma tistax issir distinzjoni fl-aspetti essenzjali tagħha minn dik it-trade mark.

*Emenda*

5. Il-proprjetarju ta' trade mark reġistrata għandu jkun intitolat ukoll jipprevjeni lill-partijiet terzi kollha milli jgħibu merkanzija, fil-kuntest ta' attività kummerċjali, fit-territorju doganali tal-Istati Membri fejn it-trade mark hija reġistrata mingħajr ma jkunu rilaxxati għaċ-ċirkolazzjoni libera meta, tali merkanzija, inkluż l-imballaġġ, tiġi minn pajjiżi terzi u ma jkollha mingħajr awtorizzazzjoni trade mark li hija identika għat-trade mark reġistrata fir-rigward ta' tali merkanzija, jew li ma tistax issir distinzjoni fl-aspetti essenzjali tagħha minn dik it-trade mark. ***Dan għandu jkun mingħajr preġudizzju għall-konformità tal-Unjoni mar-regoli tad-WTO, notevolment mal-Artikolu V tal-GATT dwar il-libertà ta' transitu.***

**Emenda 84**  
**Cecilia Wikström, Rebecca Taylor**

**Proposta għal direttiva**  
**Artikolu 10 – paragrafu 5 – subparagrafu 1a (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

***L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri xierqa fir-rigward tal-iżgurar ta' transitu mingħajr xkiel ta' mediċini ġeneriċi. Għalhekk, proprjetarju ta' trade mark m'għandux ikollu d-dritt li***

*Emenda*

*jipprevjeni lil kwalunkwe parti terza milli ġġib oġġetti, fil-kuntest ta' attività kummerċjali, fit-territorju doganali tal-Istat Membru abbażi ta' aspetti simili, reali jew immaġinati, bejn l-INN (international non-proprietary name - isem internazzjonali mhux proprejtarju) għal ingredjent attiv fil-mediċini u trade mark reġistrata.*

Or. en

#### *Ġustifikazzjoni*

*There have been cases where International non-proprietary names (INN) printed on the packaging of generic medicines have created a confusion on whether this could constitute a risk for confusion with trademarks similar to the INN. One such case being a generic medicine containing Amoxicillin and the trademark Axmoxil. INNs by law have to be present on the packaging of pharmaceutical products to provide health professionals with a unique and universally available designated name to identify each pharmaceutical substance. It should thus be clarified that these generic names are not grounds for trademark infringements and thus should also not be grounds to intervene against generic medicines in transit.*

#### **Emenda 85** **Marielle Gallo**

#### **Proposta għal direttiva** **Artikolu 14 – paragrafu 1 – subparagrafu 2**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*L-ewwel subparagrafu* għandu japplika biss fejn l-użu magħmul mill-parti terza huwa skont prattika onesta f' materji industrijali jew kummerċjali.

*Emenda*

*Dan il-paragrafu* għandu japplika biss fejn l-użu magħmul mill-parti terza hija skont prattika onesta f' materji industrijali jew kummerċjali.

Or. en

#### **Emenda 86** **Sajjad Karim**

#### **Proposta għal direttiva** **Artikolu 14 – paragrafu 2**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**2. L-użu mill-parti terza għandu jitqies li mhuwiex b'konformità ma' Prattika onesta, b'mod partikolari fil-każijiet li ġejjin:**

**imħassar**

**(a) dan jagħti l-impressjoni li hemm konnessjoni kummerċjali bejn il-parti terza u l-proprjetarju tat-trade mark;**

**(b) dan jieħu vantaġġ mhux ġust jew huwa ta' detriment għall-karattru distint jew ir-reputazzjoni tat-trade mark mingħajr raġuni valida.**

Or. en

**Emenda 87**

**Pier Antonio Panzeri, Bernhard Rapkay**

**Proposta għal direttiva**

**Artikolu 14 – paragrafu 3a (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**3 a. It-trade mark m'għandhiex tintitola lill-proprjetarju li jipprojbixxi parti terza milli tuża t-trade mark għal kawża xierqa b'rabta ma':**

**(a) reklamar jew promozzjoni li jippermettu lill-konsumaturi li jqabblu prodott ma' ieħor jew servizz ma' ieħor; jew**

**(b) l-identifikazzjoni u l-parodija, il-kritika, jew kummenti dwar il-proprjetarju tat-trade mark jew il-prodotti jew is-servizzi tal-proprjetarju tat-trade mark; jew**

**(c) kwalunkwe użu mhux kummerċjali ta' trade mark.**

Or. en

**Emenda 88**  
**Christian Engström**  
f'isem il-Grupp Verts/EFA

**Proposta għal direttiva**  
**Artikolu 14a (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**Artikolu 14a**

***Limitazzjoni tad-drittijiet mogħtija minn  
trade mark***

***F'din id-direttiva, xejn ma hu se jillimita  
d-dritt tal-persuni kollha, inklużi persuni  
legali, biex jesprimu pubblikament lilhom  
infushom, bi kwalunkwe mezz jew midja li  
jagħżlu huma, sakemm ma jiksru id-  
drittijiet mogħtija mill-Artikolu 10.***

***Dan jinkludi, iżda mhux limitat għal,  
espressjonijiet għall-finijiet ta'  
kummentarju politiku jew soċjali,  
tagħlim, riċerka xjentifika, ġurnaliżmu,  
espressjoni artistika, komunikazzjoni  
personali, kritika jew revizzjoni, tqabbil ta'  
prodotti jew servizzi, karikaturi, parodija  
jew pastiche.***

Or. en

**Emenda 89**  
**Cecilia Wikström**

**Proposta għal direttiva**  
**Artikolu 15 – paragrafu 1**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

1. It-trade mark ma għandhiex tagħti d-dritt lill-proprjetarju li jipprojbixxi l-użu tagħha relattivament għal merkanzija li tqiegħdet fis-suq fl-Unjoni taħt dik it-trade mark mill-proprjetarju jew bil-kunsens tiegħu.

1. It-trade mark ma għandhiex tagħti d-dritt lill-proprjetarju li jipprojbixxi l-użu tagħha relattivament għal merkanzija li tqiegħdet fis-suq fl-Unjoni taħt dik it-trade mark mill-proprjetarju jew bil-kunsens tiegħu, ***jew li jkunu nbiegħu lil konsumaturi individwali bi qbil mal-Artikolu 10(4).***

**Emenda 90**  
**Tadeusz Zwiefka**

**Proposta għal direttiva**  
**L-Artikolu 17**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**L-Artikolu 17**

***imħassar***

***In-nuqqas ta' użu bħala difiża fi  
proċedimenti ta' ksur***

***Il-proprjetarju ta' trade mark għandu  
jkun intitolat li jipprojbixxi l-użu ta'  
sinjali biss sal-limitu li d-drittijiet tiegħu  
mhumiex suxxettibbli li jkunu revokati  
skont l-Artikolu 19 fil-ħin li tiġi  
ppreżentata l-azzjoni ta' ksur.***

*Ġustifikazzjoni*

*The provision will shift the obligation to decide upon non-use of trade marks on courts which in fact will extend the proceeding and put additional burden of proof on the plaintiff. Currently, proceedings for invalidity of a registered trade mark often take place within the competences of the national patent offices, while shifting that responsibility to courts will create two different practices and double competences. The abovementioned situation may lead to some discrepancies between judgments of the Patent Office and decisions held by courts in terms of grounds for trade mark invalidation due to non-use.*

**Emenda 91**  
**Christian Engström**  
f' isem il-Grupp Verts/EFA

**Proposta għal direttiva**  
**Artikolu 18a (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***Artikolu 18a***

***Indennizz tal-importatur u l-proprjetarju***

*tal-merkanzija*

*L-aġenziji rilevanti għandu jkollhom l-awtorità li jordnaw lill-proprjetarju ta' trade mark biex iħallas lill-importatur, lid-destinatarju u lill-proprjetarju tal-merkanzija kumpens xieraq għal xi dannu kkawżat lilhom kawża ta' xi detenzjoni inġusta ta' merkanzija minħabba drittijiet ta' restrizzjonijiet fuq l-importazzjoni mogħtija skont l-Artikolu 10.*

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Skont l-Artikolu 56 tat-TRIPS, l-aġenzija rilevanti għandu jkollha l-awtorità li tordna li applikant, f'dan il-każ proprjetarju ta' trade mark, jikkumpensa b'mod xieraq lill-importaturi jew lill-proprjetarji għal detenzjonijiet inġusti. Id-detenzjonijiet inġusti jikkostitwixxu problema ewlenija u li qiegħda dejjem tikber. Skont ir-rapport annwali tal-Kummissjoni "L-Infurzar Doganali tal-UE tad-Drittijiet tal-Proprjetà Intellettuali: Riżultati fil-Fruntiera", fl-2011, inżammu oġġetti bi żball f'iżjed minn 2 700 każ, ċifra li tippreżenta żieda ta' 46 % meta mqabbla ma' sentejn qabel.*

**Emenda 92**  
**Tadeusz Zwiefka**

**Proposta għal direttiva**  
**Artikolu 38 – paragrafu 1 – parti introduttorja**

*Test propost mill-Kummissjoni*

1. Applikazzjoni għar-reġistrazzjoni ta' trade mark għandu jkun fiha:

*Emenda*

1. Applikazzjoni għar-reġistrazzjoni ta' trade mark għandu jkun fiha **mill-inqas**:

Or. en

**Emenda 93**  
**Tadeusz Zwiefka**

**Proposta għal direttiva**  
**Artikolu 41 – paragrafu 1**

*Test propost mill-Kummissjoni*

L-uffiċċji għandhom **jillimitaw** l-eżami **tagħhom** ex officio dwar jekk applikazzjoni tat-trade mark hijiex eliġibbli għar-reġistrazzjoni **għan-nuqqas ta' raġunijiet** assoluti għal rifjut stipulati fl-Artikolu 4.

*Emenda*

L-uffiċċji għandhom **iwettqu** l-eżami ex officio dwar jekk applikazzjoni tat-trade mark hijiex eliġibbli għar-reġistrazzjoni **billi jitqiesu r-raġunijiet** assoluti għal rifjut stipulati fl-Artikolu 4.

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Attwalment, is-sistema ta' eżami sħiħ li jeżamina kemm raġunijiet assoluti kif ukoll dawk relattivi għal rifjut tintuża minn 11-il Stat Membru, jiġifieri l-Polonja, Ċipru, ir-Repubblika Ċeka, l-Estonja, il-Finlandja, il-Greċja, l-Irlanda, Malta, il-Portugall, is-Slovakkja u l-Isvezja. Ir-rapport tal-istitut Max Planck fl-2011 jikkonferma l-appoġġ qawwi mit-48 % tal-proprjetarji għall-introduzzjoni ta' eżami ex-uffiċio tar-reġunijiet relattivi għal rifjut.*

**Emenda 94**

**Pier Antonio Panzeri**

**Proposta għal direttiva**

**Artikolu 42 – paragrafu 1**

*Test propost mill-Kummissjoni*

1. Qabel ir-reġistrazzjoni ta' trade mark, kull persuna fiżika jew legali u kull grupp jew korp li jirrappreżenta l-manifatturi, il-produtturi, il-fornituri ta' servizzi, in-negożjanti jew il-konsumaturi jista' jagħti lill-Uffiċċju osservazzjonijiet bil-miktub, li jispjegaw għal-liema raġunijiet elenkati fl-Artikolu 4 it-trade mark ma għandhiex tiġi reġistrata ex officio. **Dawn ma għandhomx ikunu partijiet fil-proċedimenti quddiem l-uffiċċju.**

*Emenda*

1. Qabel ir-reġistrazzjoni ta' trade mark, kull persuna fiżika jew legali u kull grupp jew korp li jirrappreżenta l-manifatturi, il-produtturi, il-fornituri ta' servizzi, in-negożjanti jew il-konsumaturi jista' jagħti lill-Uffiċċju osservazzjonijiet bil-miktub, li jispjegaw għal-liema raġunijiet elenkati fl-Artikolu 4 it-trade mark ma għandhiex tiġi reġistrata ex officio.

Or. en

**Emenda 95**

**Antonio López-Istúriz White**



**Proposta għal direttiva  
Artikolu 42 – paragrafu 2a (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**2a. L-Istati Membri li jistabilixxu  
proċeduri ta' oppożizzjoni abbażi ta'  
raġunijiet assoluti koperti mill-Artikolu 4  
m'għandhomx jintalbu jimplimentaw din  
id-dispożizzjoni.**

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Huwa inutli li tiġi imposta proċedura ineffiċjenti minn partijiet terzi fuq dawk l-Istati Membri li diġà għandhom proċedura ta' oppożizzjoni abbażi tal-istess raġunijiet assoluti. Dan l-irdoppjar ma jagħmilx sens. Għalhekk, qed jiġi propost li din id-dispożizzjoni tkun fakultattiva għal dawn l-Istati Membri.*

**Emenda 96  
Antonio López-Istúriz White**

**Proposta għal direttiva  
Artikolu 45 – paragrafu 1**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

1. L-Istati Membru għandhom jipprovdu proċedura amministrattiva effiċjenti u bil-ħeffa quddiem l-uffiċċji tagħhom għal oppożizzjoni tar-reġistrazzjoni tal-applikazzjoni ta' trade mark **għar-raġunijiet stipulati fl-Artikolu 5.**

1. L-Istati Membru għandhom jipprovdu proċedura amministrattiva effiċjenti u bil-ħeffa quddiem l-uffiċċji tagħhom għal oppożizzjoni tar-reġistrazzjoni tal-applikazzjoni ta' trade mark.

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Ir-referenza għall-Artikolu 5(d) hija mħassra. Hija maħsuba biex tippermetti lill-Istati Membri jiddeterminaw b'mod ħieles ir-raġunijiet għal oppożizzjoni inkluż, jekk mixtieq, raġunijiet assoluti għal rifjut.*

**Emenda 97**  
**Antonio López-Istúriz White**

**Proposta għal direttiva**  
**Artikolu 45 – paragrafu 2**

*Test propost mill-Kummissjoni*

2. Il-proċeduri amministrattivi msemija fil-paragrafu 1 għandhom jipprovdu li minn tal-inqas il-proprjetarju ta' dritt preċedenti msemmi fl-Artikolu 5(2) u (3) għandu jkun jista' jippreżenta avviż ta' oppożizzjoni.

*Emenda*

2. Il-proċeduri amministrattivi msemija fil-paragrafu 1 għandhom jipprovdu li minn tal-inqas il-proprjetarju ta' dritt preċedenti msemmi **fl-Artikolu 4(1)(i)**, fl-Artikolu 5(2) u (3) għandu jkun jista' jippreżenta avviż ta' oppożizzjoni.

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Referenza għall-Artikolu 4(1)(i) hija inkluża u, b'konsegwenza ta' dan, jistgħu jressqu oppożizzjoni mhux biss il-proprjetarji ta' drittijiet preċedenti għall-Artikolu 5 iżda wkoll proprjetarji ta' drittijiet b'rabta ma' appellazzjonijiet ta' oriġini u indikazzjoni ġeografiċi.*

**Emenda 98**  
**Antonio López-Istúriz White**

**Proposta għal direttiva**  
**Artikolu 45 – paragrafu 3**

*Test propost mill-Kummissjoni*

3. Il-partijiet **għandu jkollhom garantit perjodu ta' żmien ta' mill-inqas** xahrejn qabel **ma jibdew il-proċedimenti** ta' oppożizzjoni sabiex jinnegozjaw il-possibbiltà ta' ftehim amikevoli bejn il-parti li qed topponi u l-applikant.

*Emenda*

3. Il-partijiet **għandhom jingħataw, fuq talba konġunta tagħhom, perjodu ta' żmien minimu ta' xahrejn fil-proċediment** ta' oppożizzjoni sabiex jinnegozjaw il-possibbiltà ta' ftehim amikevoli bejn il-parti li qed topponi u l-applikant.

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*L-għoti awtomatiku ta' perjodu ta' tranżizzjoni jitħassar peress li mhuwiex effiċjenti, iżda jekk ikun hemm talba konġunta min-naħa tal-partijiet, qed jiġi propost perjodu ta' tranżizzjoni minimu ta' xahrejn.*

**Emenda 99**  
**Pier Antonio Panzeri**

**Proposta għal direttiva**  
**Artikolu 45 – paragrafu 3a (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**3a. Avviż ta' oppożizzjoni għal  
reġistrazzjoni tat-trade mark jista'  
jingħata wkoll minn kwalunkwe persuna  
fiżika jew legali jew grupp jew korp li  
jirrappreżenta manifatturi, produtturi,  
provdituri ta' servizzi, kummerċjanti jew  
konsumaturi.**

Or. en

**Emenda 100**  
**Tadeusz Zwiefka**

**Proposta għal direttiva**  
**Artikolu 46 – paragrafu 1**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

1. Fi proċedimenti ta' oppożizzjoni **amministrattiva**, meta fid-data ta' preżentazzjoni jew fid-data ta' prijorità tat-trade mark sussegwenti, il-perjodu ta' ħames snin li fih it-trade mark preċedenti kellha tintuża b'mod ġenwin kif stipulat fl-Artikolu 16 ikun skada, b'talba tal-applikant, il-proprjetarju ta' trade mark preċedenti li ta l-avviż ta' oppożizzjoni għandu jforni prova li t-trade mark preċedenti kienet intużat għal użu ġenwin kif stipulat fl-Artikolu 16 matul il-perjodu ta' ħames snin qabel id-data ta' preżentazzjoni jew id-data ta' prijorità tat-trade mark sussegwenti, jew li kien hemm raġunijiet xierqa għan-nuqqas ta' użu. F'nuqqas ta' provi ta' din ix-xorta, l-oppożizzjoni għandha tiġi rifjutata.

1. Fi proċedimenti ta' oppożizzjoni, meta fid-data ta' preżentazzjoni jew fid-data ta' prijorità tat-trade mark sussegwenti, il-perjodu ta' ħames snin li fih it-trade mark preċedenti kellha tintuża b'mod ġenwin kif stipulat fl-Artikolu 16 ikun skada, b'talba tal-applikant, il-proprjetarju ta' trade mark preċedenti li ta l-avviż ta' oppożizzjoni għandu jforni prova li t-trade mark preċedenti kienet intużat għal użu ġenwin kif stipulat fl-Artikolu 16 matul il-perjodu ta' ħames snin qabel id-data ta' preżentazzjoni jew id-data ta' prijorità tat-trade mark sussegwenti, jew li kien hemm raġunijiet xierqa għan-nuqqas ta' użu. F'nuqqas ta' provi ta' din ix-xorta, l-oppożizzjoni għandha tiġi rifjutata.

**Emenda 101**  
**Antonio López-Istúriz White**

**Proposta għal direttiva**  
**Artikolu 46 – paragrafu 1**

*Test propost mill-Kummissjoni*

1. Fi proċedimenti ta' oppożizzjoni amministrattiva, meta fid-data ta' preżentazzjoni jew fid-data ta' prijorità tat-trade mark sussegwenti, il-perjodu ta' ħames snin li fih it-trade mark preċedenti kellha tintuża b'mod ġenwin kif stipulat fl-Artikolu 16 ikun skada, b'talba tal-applikant, il-proprjetarju ta' trade mark preċedenti li ta l-avviż ta' oppożizzjoni għandu jforni prova li t-trade mark preċedenti kienet intużat għal użu ġenwin kif stipulat fl-Artikolu 16 matul il-perjodu ta' ħames snin qabel id-data ta' preżentazzjoni jew id-data ta' prijorità tat-trade mark sussegwenti, jew li kien hemm raġunijiet xierqa għan-nuqqas ta' użu. F'nuqqas ta' provi ta' din ix-xorta, l-oppożizzjoni għandha tiġi rifjutata.

*Emenda*

1. Fi proċedimenti ta' oppożizzjoni amministrattiva, ***l-Istati Membri jistgħu jstipulaw li***, meta fid-data ta' preżentazzjoni jew fid-data ta' prijorità tat-trade mark sussegwenti, il-perjodu ta' ħames snin li fih it-trade mark preċedenti kellha tintuża b'mod ġenwin kif stipulat fl-Artikolu 16 ikun skada, b'talba tal-applikant, il-proprjetarju ta' trade mark preċedenti li ta l-avviż ta' oppożizzjoni għandu jforni prova li t-trade mark preċedenti kienet intużat għal użu ġenwin kif stipulat fl-Artikolu 16 matul il-perjodu ta' ħames snin qabel id-data ta' preżentazzjoni jew id-data ta' prijorità tat-trade mark sussegwenti, jew li kien hemm raġunijiet xierqa għan-nuqqas ta' użu. F'nuqqas ta' provi ta' din ix-xorta, l-oppożizzjoni għandha tiġi rifjutata.

Or. es

*Ġustifikazzjoni*

*Filwaqt li huwa aċċettabbli li tintalab prova tal-użu fi proċediment ta' oppożizzjoni, dan m'għandux ikun impost bħala rekwiżit obbligatorju. L-għażla proposta toħloq problemi, peress li jekk l-użu ma jiġix ippruvat b'rabta ma' ċerti prodotti, it-trade mark ta' wara tiddaħħal iżda t-trade mark preċedenti ma tiskadix, u trade marks fuq prodotti li ma kinux użati dak iż-żmien fil-fatt jistgħu jintużaw iktar tard, u dan ifisser li ż-żewġ trade marks f'oppożizzjoni jibqgħu jeżistu t-tnejn li huma, għad-detriment tal-konsumatur.*

**Emenda 102**  
**Antonio López-Istúriz White**

**Proposta għal direttiva**  
**Artikolu 47 – paragrafu 1**

*Test propost mill-Kummissjoni*

1. L-Istati Membri **għandhom** jistipulaw proċedura amministrattiva quddiem l-uffiċċji tagħhom għal revoka jew dikjarazzjoni ta' invalidità ta' trade mark.

*Emenda*

1. L-Istati Membri **jistgħu** jistipulaw proċedura amministrattiva quddiem l-uffiċċji tagħhom għal revoka jew dikjarazzjoni ta' invalidità ta' trade mark.

Or. es

*Ġustifikazzjoni*

*L-impożizzjoni ta' proċedimenti ta' skadenza u nullità ta' natura amministrattiva tista' toħloq problema ġurisdizzjonali lil ċerti Stati Membri, billi daww il-kwistjonijiet jaqgħu taħt il-kompetenza esklużiva tal-Qrati (Artikolu 22.1 LOPJ). Din is-soluzzjoni ma tevitax li mbagħad wieħed jispiċċa fil-qorti, billi d-deċiżjonijiet tal-OONN jistgħu jiġu appellati, u dan itawwal il-perjodi ta' kisba ta' riżoluzzjoni definittiva.*

**Emenda 103**  
**Tadeusz Zwiefka**

**Proposta għal direttiva**  
**Artikolu 48 – paragrafu 1**

*Test propost mill-Kummissjoni*

1. Fi proċedimenti **amministrattivi** għal dikjarazzjoni ta' invalidità bbażata fuq trade mark reġistrata b'data ta' preżentazzjoni jew data ta' prijorità preċedenti, jekk il-proprietarju tat-trade mark sussegwenti jitlob dan, il-proprietarju tat-trade mark preċedenti għandu jforni prova lim matul il-perjodu ta' ħames snin qabel id-data tal-applikazzjoni għal dikjarazzjoni ta' invalidità, it-trade mark preċedenti ntużat b'mod ġenwin kif stipulat fl-Artikolu 16 b'rabta mal-merkanzija jew is-servizzi li hija rreġistrata għalihom u li jikkwota bħala ġustifikazzjoni għall-applikazzjoni tiegħu, jew li kien raġunijiet xierqa għal nuqqas ta' użu, sakemm il-perjodu ta' ħames snin li fih it-trade mark preċedenti kellha tintuża b'mod ġenwin

*Emenda*

1. Fi proċedimenti għal dikjarazzjoni ta' invalidità bbażata fuq trade mark reġistrata b'data ta' preżentazzjoni jew data ta' prijorità preċedenti, jekk il-proprietarju tat-trade mark sussegwenti jitlob dan, il-proprietarju tat-trade mark preċedenti għandu jforni prova li matul il-perjodu ta' ħames snin qabel id-data tal-applikazzjoni għal dikjarazzjoni ta' invalidità, it-trade mark preċedenti ntużat b'mod ġenwin kif stipulat fl-Artikolu 16 b'rabta mal-merkanzija jew is-servizzi li hija rreġistrata għalihom u li jikkwota bħala ġustifikazzjoni għall-applikazzjoni tiegħu, jew li kien hemm raġunijiet xierqa għal nuqqas ta' użu, sakemm il-perjodu ta' ħames snin li fih it-trade mark preċedenti kellha tintuża b'mod ġenwin skada fid-data

skada fid-data tal-applikazzjoni għal dikjarazzjoni ta' invalidità.

tal-applikazzjoni għal dikjarazzjoni ta' invalidità.

Or. en

**Emenda 104**  
**Tadeusz Zwiefka**

**Proposta għal direttiva**  
**L-Artikolu 52**

*Test propost mill-Kummissjoni*

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-uffiċċji jikkooperaw ma' xulxin u mal-Aġenzija sabiex jippromwovu konverġenza ta' prattiki u għodod biex jiksbu riżultati koerenti fl-eżami u r-reġistrazzjoni ta' trade marks.

*Emenda*

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-uffiċċji jkunu jistgħu jikkooperaw ***b'mod effettiv*** ma' xulxin u mal-Aġenzija sabiex jippromwovu konverġenza ta' prattiki u għodod biex jiksbu riżultati koerenti fl-eżami u r-reġistrazzjoni ta' trade marks.

Or. en

**Emenda 105**  
**Sajjad Karim**

**Proposta għal direttiva**  
**Artikolu 52**

*Test propost mill-Kummissjoni*

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-uffiċċji jikkooperaw ma' xulxin u mal-Aġenzija sabiex jippromwovu konverġenza ta' prattiki ***u għodod biex jiksbu riżultati koerenti fl-eżami u r-reġistrazzjoni ta' trade marks.***

*Emenda*

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-uffiċċji jikkooperaw ma' xulxin u mal-Aġenzija sabiex jippromwovu konverġenza ta' prattiki u għodod.

Or. en

**Emenda 106**  
**Tadeusz Zwiefka**

**Proposta għal direttiva**  
**L-Artikolu 53**

*Test propost mill-Kummissjoni*

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-uffiċċji jikkooperaw mal-Aġenzija fl-oqsma kollha tal-attivitajiet tagħhom ħlief dawk imsemmija fl-Artikolu 52 li huma rilevanti għall-protezzjoni ta' trade marks fl-Unjoni.

*Emenda*

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-uffiċċji jkunu jistgħu jikkooperaw ***b'mod effettiv*** mal-Aġenzija fl-oqsma kollha tal-attivitajiet tagħhom ħlief dawk imsemmija fl-Artikolu 52 li huma rilevanti għall-protezzjoni ta' trade marks fl-Unjoni.

Or. en